

**Emenda 52**

**Pierre Larroustourou, Billy Kelleher, Matjaž Nemeč, Mounir Satouri, François Thiollet, Barry Andrews, Sabrina Pignedoli, Milan Brglez, Manon Aubry, Anne-Sophie Pelletier, Alfred Sant, Piernicola Pedicini, Maria Arena, Idoia Villanueva Ruiz, Izaskun Bilbao Barandica, Ana Miranda, María Soraya Rodríguez Ramos, Rosa D'Amato, Saskia Bricmont, David Cormand, Stelios Kouloglou, Giuliano Pisapia, Alessandra Moretti, Jakop G. Dalunde, Silvia Modig, Diana Riba i Giner, Caroline Roose, Nikolaj Villumsen, Benoît Biteau, Abir Al-Sahlani, Claude Gruffat, Samira Rafaela, Damien Carême, Patrizia Toia, Alice Kuhnke, Pär Holmgren, Malin Björk, Dimitrios Papadimoulis, Marisa Matias, Marie Toussaint, Margrete Auken, José Gusmão, Franco Roberti, Leila Chaibi, Lydie Massard**

**Rapport**

A9-0403/2023

**Sven Mikser**

Implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 67***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

67. Jirrikonoxxi d-dritt ta' Iżrael għall-awtodifiża, kif minqux fid-dritt internazzjonali u ristrett minnu, u jenfasizza li l-azzjonijiet ta' Iżrael iridu għalhekk jikkonformaw strettament mad-dritt umanitarju internazzjonali; itenni l-appoġġ qawwi tal-UE għall-ħidma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali; jissottolinja l-importanza li ssir distinzjoni bejn il-poplu Palestinjan u l-aspirazzjonijiet leġittimi tiegħu minn naħa, u l-organizzazzjoni terroristika tal-Ħamas u l-atti ta' terroriżmu tagħha min-naħa l-oħra; jappella għall-ftuħ ta' kurituri biex tiġi pprovduta għajnuna umanitarja liċ-ċivili fl-Istrixxa ta' Gaża u li dawn jinżammu miftuħa b'mod permanenti; itenni l-appoġġ mingħajr kundizzjonijiet tiegħu għal soluzzjoni negozjata ta' żewġ stati abbażi tal-linji tal-1967 b'żewġ stati sovrani, demokratiċi li jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u fis-sigurtà garantita, b'Ġerusalemm bħala l-kapitali taż-żewġ stati, u b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali; jappella għal

67. Jirrikonoxxi d-dritt ta' Iżrael għall-awtodifiża, kif minqux fid-dritt internazzjonali u ristrett minnu, u jenfasizza li l-azzjonijiet ta' Iżrael iridu għalhekk jikkonformaw strettament mad-dritt umanitarju internazzjonali; itenni l-appoġġ qawwi tal-UE għall-ħidma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali; jissottolinja l-importanza li ssir distinzjoni bejn il-poplu Palestinjan u l-aspirazzjonijiet leġittimi tiegħu minn naħa, u l-organizzazzjoni terroristika tal-Ħamas u l-atti ta' terroriżmu tagħha min-naħa l-oħra; jappella għall-ftuħ ta' kurituri biex tiġi pprovduta għajnuna umanitarja liċ-ċivili fl-Istrixxa ta' Gaża u li dawn jinżammu miftuħa b'mod permanenti; itenni l-appoġġ mingħajr kundizzjonijiet tiegħu għal soluzzjoni negozjata ta' żewġ stati abbażi tal-linji tal-1967 b'żewġ stati sovrani, demokratiċi li jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u fis-sigurtà garantita, b'Ġerusalemm bħala l-kapitali taż-żewġ stati, u b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali; jappella għal

investigazzjoni bir-reqqa dwar ir-rwol tal-Iran, tal-Qatar u tar-Russja fil-finanzjament u fl-appoġġ tat-terroriżmu fir-reġjun; ma jaqbilx bis-sħiħ u jesprimi d-dispjaċir tiegħu għad-dikjarazzjonijiet reċenti magħmula mill-President tat-Turkija li fihom iddikjara b'mod ħażin li l-Hamas mhijiex organizzazzjoni terroristika;

investigazzjoni bir-reqqa dwar ir-rwol tal-Iran, tal-Qatar u tar-Russja fil-finanzjament u fl-appoġġ tat-terroriżmu fir-reġjun; ma jaqbilx bis-sħiħ u jesprimi d-dispjaċir tiegħu għad-dikjarazzjonijiet reċenti magħmula mill-President tat-Turkija li fihom iddikjara b'mod ħażin li l-Hamas mhijiex organizzazzjoni terroristika; ***ifakkar fil-fatti li ġraw f'April 2002 matul l-operazzjoni militari Iżraeljana "Tarka Difensiva", li kienet risposta għal sensiela ta' attentati terroristiċi; ifakkar li din ir-risposta qatlet bosta għexieren ta' nies; ifakkar li, fl-10 ta' April 2002, il-Parlament Ewropew qies bħala sproporzjonata dik ir-risposta u li l-perpetwazzjoni ta' ċiklu ta' mewt tostakola l-paċi; josserva li l-Parlament adotta riżoluzzjoni li fiha stieden lill-Kunsill "jissospendi l-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael" u "jistabbilixxi embargo fuq l-armi kemm fuq Iżrael kif ukoll fuq il-Palestina"; ifakkar fil-prinċipju artikolat fl-Artikolu 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael (iffirmat fl-1995 b'segwitu għall-Ftehimiet ta' Oslo), li jenfasizza li kwalunkwe sħubija mal-Unjoni Ewropea trid tkun intrinsikament marbuta ma' impenn sod favur id-drittijiet tal-bniedem; ifakkar fid-deċiżjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, tas-26 ta' Jannar 2024, li tafferma li r-riskju ta' ġenoċidju huwa "reali u imminenti"; itenni l-konvinzjoni li paċi sostenibbli bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani teħtieġ intervent proattiv min-naħa tan-nazzjonijiet ħbieb taż-żewġ popli; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jikkonvokaw b'urġenza l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael bil-għan li jressqu l-pożizzjoni tagħhom lill-Gvern Iżraeljan, li fiha jitolbuh jirrispetta r-riżoluzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti adottati dan l-aħħar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, f'dan il-kuntest, jissospendu l-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael***

*sal-implimentazzjoni ta' waqfien mill-  
għied dejjiemi;*

Or. en